**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Simon (Simon Peter) Chircop**

**Kumpilazzjoni Numru: 25/2015**

**Illum, 16 ta' Marzu 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Simon (Simon Peter) Chircop iben Joseph Chircop u Filippa nee' Spiteri, mwieled Attard nhar it-28 ta' Marzu 1968 u residenti gewwa 75, Triq Edgar Bernard, Gzira u detentur tal-karta ta' l-identita' 168968M talli nhar is-27 ta' Ottubru 2014 fil-hinijiet ta' wara nofsinhar waqt li kien qieghed quddiem il-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit LL.D f'Awla Nru 5, gewwa l-Qrati ta' Malta, il-Belt Valletta:

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' l-Ispettur Trevor Micallef u l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu qeghdin jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artiklu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati f'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti ntalbet sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni ta' l-Ispettur Trevor Micallef u l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *et sequitur*.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m’ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata l-opportunita’ li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, in-natura tar-reat, l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali ta’ l-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat xellef difrejh mal-gustizzja diversi drabi. Min-naha l-ohra l-imputat waqt is-seduta gharaf li kkommetta zball u skuza ruhu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal erba’ (4) xhur prigunerija u ghall-hlas ta’ multa ta’ tminn mitt Euro (€800), li f’kaz ta’ nuqqas ta’ hlas hija konvertibbli fi prigunerija.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-hati b’garanzija personali ta’ elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta’ l-Ispettur Trevor Micallef u l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud u familjari taghhom.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat